MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2010

Numru. 387/2010

**Il-Pulizija**
**Spettur Angelo Gafa'**

**vs**

**Roberto Conte**

Il-Qorti;

Rat l-imputat Roberto Conte ta' 40 sena, bin Eugenio u Maria nee' Saliba, mwieled Casoria, Napli, l-Italja, fit-3 ta' April 1970, residenti fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 10543A gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

F'dawn il-Gzejjer, fil-11 ta' Dicembru 2003, b' xi mod li jkun, xjentement, ghen jew assista lill-awtur jew awturi

tad-delitt fl-atti li bihom, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh li jeccedi l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu ta' l-ewro (€2329.37) ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex tapplika mutatis mutandis id-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 5 ta' l-Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 23A (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u sabiex f'kaz ta' htija, tapplika l-provvedimenti ta' l-Artikolu 23B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar is-7 ta' Lulju 2010 ghall-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuza kif dedotta kontra tieghu.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti ikkunsidrat c-cirkostanzi partikolari tal-kaz kif ukoll il-fatt li l-imputat kkopera bis-shih fl-investigazzjoni tal-pulizija u kkunsidrat l-fatt li l-venditur f'dan il-kaz diga' hallas il-capital dovuti fuq l-ammont kollu.
Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 42 (d), 308, 309, 310 (1)(a) u 31 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti ssib

lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu, kif minnu ammessa u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tillibera lill-imputat milli jikkommetti reat iehor sa zmien sentejn(2) millum.

Wara li rat l-Artikolu 401(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza flimkien ma' l-atti ta' dawn il-proceduri jintbghatu ghand l-Avukat Generali fi zmien li trid il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------